**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 387/2017**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**John Camilleri**

Illum 13 ta' Settembru 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet[1] miġjuba kontra l-appellat **John Camilleri**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 366768(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli f'dawn il-Gżejjer u barra minn dawn il-Gżejjer fit-30 ta' Mejju 2002, u matul l-aħħar sitt (6) xhur qabel din id-data:

1. assoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni oħra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibiegħ jew jittraffika mediċina

[1] Vol. I: *a fol.* 1 *et seq.*.

(kokajina u l-pjanta *cannabis* kollha jew biċċa minnha) f'Malta kontra d-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta), jew li ppromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja l-assoċjazzjoni;

2. għen, ħajjar, ta parir jew fittex biex jiġi magħmul f'post barra minn Malta reat li għalih hemm piena skont id-dispożizzjonijiet ta' xi liġi korrispondenti li tkun isseħħ f'dak il-post, jew assoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni oħra f'Malta sabiex għamel tali reat jew għamel xi haġa biex iħejji jew jiffaċilita xi att li kieku jsir f'Malta jkun reat kontra l-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta).

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali l-flejjes u l-proprjeta' mobbli jew mobbli kollha li huma dovuti lil jew ikunu jmissu lill-imputat jew huma proprjeta' tiegħu, kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-imputat milli jittrasferixxi jew xort'oħra jiddisponi minn xi proprjeta' mobbli jew immobbli.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Rat illi fil-15 ta' Ottubru 2009 l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta ppreżenta Att ta' Akkuża bin-Numru 38/2009 (Vol. XVIII: *a fol.* 3184 *et seq.*) kontra l-hawn fuq imsemmi appellat John Camilleri u kontra Emanuel Camilleri, liema Att ta' Akkuża jaqra hekk:**

***L-EWWEL KAP***

*Illi f'Diċembru tas-sena elfejn u wieħed (2001), il-pulizija tal-iskwadra kontra d-droga ġew infurmati li kienu qed isiru arranġamenti sabiex jiġu impurtati ġewwa Malta mill-Olanda ammonti konsiderevoli tad-droga kokajina u cannabis, it-tnejn li jitqiesu bħala sustanza illegali ai fini tal-liġijiet tagħna, u*

*dan ai fini li jiġu ttraffikati. Jirriżulta li kien hemm diversi persuni, xi uħud minnhom li kienu ġol-ħabs ta' Malta, li kienu involuti fl-operat tal-kuntatti u tal-arranġamenti sabiex dan isseħħ. Fosthom kien hemm l-akkużati kif hawn imsemmija.*

*Illi waqt l-investigazzjonijiet, irriżulta li meta bdew isiru t-trattativi meħtieġa bejn diversi persuni ai fini ta' din l-azzjoni illegali, Emanuel Camilleri, li f'dak iż-żmien kien detenut ġewwa l-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin, beda jikkomunika ma' persuna jew persuni ġewwa l-Olanda sabiex jiġu fornuti ammonti kbar tad-droga kokajina u cannabis, bl-iskop li din id-droga tiġi mportata f'Malta u ai fini ta' traffikar tal-istess f'pajjizna. Hu kien ikkomunika wkoll ma' persuni oħra f'Malta sabiex isiru xi trasferiment bejn persuna u oħra ta' flejjes konsideravoli in konnessjoni ma' dawn it-trattativi illeciti. Irriżulta ukoll li hu kien anki kkomunika ma' dawk il-persuni involuti f'din l-organizazzjoni kriminali li kienu ġew ingaġġati sabiex jimpurtaw is-sustanzi illegali, liema komunikazzjonijiet kienu kollha intiżi għall-istess għan u ai fini ta' dan il-pjan maħsub. Fortunatament d-diversi membri ta' din l-organizazzjoni kriminali, ġew arrestati qabel ma' ġie finalizżat dan il-pjan, filwaqt li l-akkużat Emanuel Camilleri ġie interroġat u sussegwentement tressaq il-Qorti dwar l-involviment tiegħu f'din l-organizazzjoni kriminali.*

*Illi b'għemilu l-imsemmi Emanuel Camilleri sar ħati talli assoċja ruħu ma' persuni oħra f'Malta u ma' persuni oħra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegħ jew jittraffika mediċina u droga oħra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, jew ippromwova, ikkonstitwixxa, organiżża jew iffinanzja din l-assoċjazzjoni.*

*Illi b'sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet Pulizija vs. Emanuel Camilleri datata it-tlieta u għoxrin (23) ta' Novembru tas-sena elfejn u wieħed (2001), l-imsemmi akkużat instab ħati ta' diversi reati.*

*Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lil Emanuel Camilleri, reċidiv f'delitt, ħati talli assoċja ruħhu*

*ma' persuni oħra f'Malta u ma' persuni oħra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegħ jew jittraffika mediċina u droga oħra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanża dwar il-Mediċini Perikolużi, jew ippromwova, ikkonstitwixxa, organizza jew iffinanżja din l-assoċjazzjoni; jitlob li jingħamel skont il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija għal għomor u multa ta' mhux inqas minn elfejn tliet mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf u ħames mitt Euro (€116,500), u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli u immobbli oħra tal-persuni hekk misjuba ħatja skont dak li hemm u jintqal fl-Artikoli 9, 10(1), 12, 14, 15(A), 20, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-Regola 4 u 9 tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi u fl-Artikoli 23, 31, 49, 50 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.*

## ***IT-TIENI KAP***

*Illi waqt l-investigazzjonijiet li bdew f'Diċembru tas-sena elfejn u wieħed (2001), u minħabba n-natura taċ-ċirkostanzi kif imsemmija fl-ewwel Kap ta' din l-Att tal-Akkuża irriżulta li l-akkużat Emanuel Camilleri kien avviċina lil diversi persuni fosthom lil John Camilleri, ko-akkużat f'dawn il-proċeduri, u dan sabiex l-imsemmi John Camilleri jittrasferixxi ammont konsiderevoli ta' flus lil persuna oħra involuta fl-organizazzjoni kriminali ai fini tal-forniment u traffikar tad-droga kif preċedentement imsemmija u ai fini ta' dawn l-iskopijiet illeċiti.*

*Illi rriżulta li l-ko-akkużat John Camilleri aċċetta li jsegwi l-istruzzjonijiet li kien rċieva telefonikament mingħand ħuħ, l-hawn imsemmi u ko-akkużat Emanuel Camilleri, u in esekużżjoni ta' dan il-pjan maħsub huwa għadda ammont konsiderevoli ta' flus lil persuna oħra involuta f'din l-assoċjazzjoni, meta kien jaf li dawn il-flejjes kienu intiżi sabiex*

*isir forniment ta' droga illegali minn barra minn Malta għall-iskop tat-traffikar tagħha ġewwa pajjizna kontra l-liġi.*

*Illi fortunatament il-pjan maħsub ma laħaqx ġie finalizzat peress li l-persuni involuti f'din l-organizazzjoni kriminali għall-iskopijiet imsemmija, kienu ġew arrestati, fosthom l-ko-akkużat John Camilleri.*

*Illi b'għemilu l-imsemmi John Camilleri sar ħati talli assoċja ruħu ma' persuni oħra f'Malta u ma' persuni oħra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegħ jew jittraffika mediċina u droga oħra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, jew ippromwova, ikkonstitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assoċjazzjoni.*

*Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi John Camilleri, ħati talli assoċja ruħu ma' persuni oħra f'Malta u ma' persuni oħra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegħ jew jittraffika mediċina u droga oħra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanża dwar il-Mediċini Perikolużi, jew ippromwova, ikkonstitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assoċjazzjoni; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija għal għomor u multa ta' mhux inqas minn elfejn tliet mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf u ħames mitt Euro (€116,500) kull wieħed, u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli u immobbli oħra tal-persuni hekk misjuba ħatja skont dak li hemm u jintqal fl-Artikoli 9, 10(1), 12, 14, 15(A), 20, 22(1)(a)(f)(1A) (1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-Regola 4 u 9 tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi u fl-Artikoli 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.*

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (Vol. XVIII: *a fol.* 3279 *et seq.*) tas-26 ta' Settembru 2017, fejn il-Qorti, wara li rat l-Artikoli tal-liġi

msemmija minnha fis-sentenza appellata, illiberat lil John Camilleri mill-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Rat ir-Rikors tal-appellant Avukat Ġenerali (Vol. XVIII: *a fol.* 3295 *et seq.*) ippreżentat fit-12 ta' Ottubru 2017 fejn wara li għamel riferenza għas-sentenza appellata talab lil din il-Qorti sabiex: *"tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u wara li tqis bir-reqqa l-provi f'dan il-każ issib lill-appellat ħati tal-akkużi skond l-att ta' akkuża maħruġa u kif dedotti kontra tiegħu u tinfliġġi l-piena applikabbli skont il-liġi. "*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-Kontro-Ordni tal-Avukat Ġenerali datat 6 ta' Marzu 2015 (Vol. XVIII: *a fol.* 3243) fejn, bis-saħħa ta' Artikolu 31 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta) ordna li l-imputat John Camilleri jiġi proċessat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fuq l-akkużi miġjuba kontra tiegħu għall-ksur tal-provvedimenti tal-istess Ordinanza.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tas-6 ta' Lulju 2023, lill-avukat mill-uffiċju tal-Avukat Ġenerali jiddikjara li ma kellu xejn aktar xi jżid mas-sottomissjonijiet li kienu diga' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fis-26 ta' Settembru 2017. Għal kull buon fini jingħad li l-appellat f'dan il-każ kien oriġinarjament tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja flimkien ma' numru ta' persuni oħra pero' eventwalment il-proċeduri kriminali fil-konfront ta' dawn il-persuni ġew separati.

Illi l-fatti tal-każ jirrigwardaw importazzjoni ta' droga kokajina u kannabis lejn Malta. L-appellat ġie mixli li assoċja ruħu ma' numru ta' persuni sabiex tiġi impurtata din id-droga hawn Malta.

Illi jirriżulta li f'Diċembru 2001 il-Pulizija irċevew informazzjoni li kienet ser tiġi impurtata d-droga hawn Malta. Waqt l-investigazzjoni rriżulta li allegatament ġew involuti numru ta' persuni f'din l-assoċjazzjoni, inkluż l-appellat. Skont l-iSpettur Neil Harrison dawn il-persuni kienu qed jagħmlu numru ta' kuntatti sabiex jiġu identifikati l-persuni li kellhom jieħdu l-flus u jġibu d-droga mill-Olanda. Huwa jispjega li n-nies li kellhom jieħdu l-flus kienu Raymond Borg, Fabio Psaila u Romeo Bone. Jidher li l-ewwel tentattiv falla minħabba li ma ttieħdux flus biżżejjed l-Olanda u għalhekk dawn il-persuni reġgħu ġew Malta fis-7 ta' Marzu 2002.

Illi l-iSpettur Harrison ikompli jgħid li bdew jsiru aktar kuntatti dwar il-flus u li fil-frattemp Raymond Borg u Romeo Bone reġgħu siefru din id-darba lejn Ruma u minn hemm krew vettura u saqu lejn l-Olanda.

Illi sadanittant baqgħu jsiru arranġamenti ta' kif id-droga kellha tinġieb Malta u allegatament saru pjanijiet sabiex tinġieb bil-baħar u għal dan il-għan ġiet identifikata imbarkazzjoni. Iżda minħabba l-maltemp dan it-traġitt ġie pospost. Jingħad li Romeo Bone kien talab lit-tfajla tiegħu tmur Sqallija minħabba li kellha xi familjari jgħixu hemm u b'hekk kienu jagħtu inqas fil-għajn. F'dan l-istadju ġew involuti l-Awtoritajiet Taljani. Il-pulizija Taljana bdiet issegwi lill-Maltin u fl-aħħar għamlu tfittxija fuq il-vettura. Allegatament id-droga kienet fil-kompartiment tal-magna u meta kienet ser issir tfittxija f'dan il-kompartiment il-Pulizija ħaraq idu

u ħallewhom imorru. Saret ukoll tfittxija fuq id-dar tal-familjari tat-tfajla ta' Romeo Bone b'riżultat negattiv.

Illi minħabba dawn iċ-ċirkostanzi Romeo Bone, it-tfajla tiegħu u Raymond Borg kellhom isibu post ieħor fejn joqgħodu u marru f'lukanda viċin Catania. F'dan l-istadju ddeċidew jaħbu d-droga minħabba li kienu qed jibżgħu li l-Pulizija kienet warajhom. F'dan il-mument daħal fix-xena membru ieħor li kellu jmur l-Italja u jiġbor id-droga. Iżda l-Pulizija Taljana kienet diġa' sabet id-droga moħbija u bidlitha b'dan illi meta l-membri l-oħra marru biex jiġbru d-droga sabiex fl-aħħar tinġieb Malta dawn sfaw arrestati.

Illi waqt ix-xiehda mogħtija fis-seduta tat-13 ta' Novembru 2002, l-iSpettur Harrison (Vol I: *a fol.* 114 *tergo*) jindika li r-rwol tal-appellat kien marbut mal-fatt li ħuh Emanuel Camilleri kien jikkuntattjaħ dwar il-flus (Vol I: *a fol.* 115 *tergo*).

**Ikkunsidrat**

Illi permezz tal-ewwel aggravju l-appellant Avukat Ġenerali jilmenta li s-sentenza appellata tidentifika b'mod żbaljat fl-intestatura tagħha li l-każ sar f'isem ir-Repubblika ta' Malta minflok ma hemm indikat **Il-Pulizija kontra John Camilleri**. L-istess appellant jindika li dan ma għandux iwassal għan-nullita' tas-sentenza.

Illi din il-Qorti ma tantx għandha wisq xi tgħid dwar dan l-aggravju in eżami u dana b'mod speċjali meta l-appellant Avukat Ġenerali nnifsu jgħid li dak imsemmi fl-imsemmi aggravju ma jwassalx għan-nullita' tas-sentenza appellata. Din il-Qorti tassumi li l-Ewwel Qorti tat is-sentenza tagħha fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. John Camilleri** u dana peress li straħet fuq l-Att ta' Akkuża li kien ippreżenta l-Avukat Ġenerali f'dan il-każ u wara biddel fehmtu u ħareġ il-Kontro-Ordni. Meħud in konsiderazzjoni ta' dan, filwaqt li kien ikun aħjar kieku s-sentenza appellata kienet tkun fl-ismjiet **Il-Pulizija vs. John Camilleri** u dana peress li l-każ ġie deċiż mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, pero' fl-istess waqt din il-Qorti ma tqisx li għandha tannulla s-sentenza appellata u għaldaqstant qed tiċħad l-aggravju in eżami.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-tieni aggravju tiegħu l-appellant Avukat Ġenerali jilmenta li s-sentenza appellata hija kontradittorja minħabba li filwaqt li tikkonferma li l-Prosekuzzjoni laħqet il-livell ta' prova rikjesta mil-liġi, minħabba li skartat l-istqarrija ma kienx hemm biżżejjed provi sabiex juru l-ħtija tal-appellat.

Illi x'aktarx l-Avukat Ġenerali ressaq dan l-ilment minħabba is-segwenti parti tas-sentenza appellata fejn jingħad hekk (Vol. XVIII – *a fol.* 3294):

> "Il-Qorti, ma tistax ma tosservax illi, minn qari tat-traskrizzjonijiet kollha tat-telefonati bejn l-akkużat u ħuh, Emanuel sive Leli Camilleri, ma huwiex minnu dak illi xehed l-istess Emanuel Camilleri quddiem dina l-Qorti fit-12 ta' April 2016 (*a fol.* 3258-3260) illi l-involviment ta' John Camilleri kien biss billi għadda flejjes illi l-istess John Camilleri kellu jagħti lil Emanuel Camilleri lil Raymond Borg magħruf bħala 'Il-Borża'. Ix-xhieda ta' Emanuel Camilleri ma hija xejn kredibbli.
>
> Għalkemm il-Qorti hija moralment konvinta illi l-akkużat kien involut fil-pjan kollu u saħansitra għadda flejjes personali tiegħu stess sabiex tali operazzjoni tirnexxi, fl-assjem tal-provi kif imressqa mill-Prosekuzzjoni, ma jidhirx illi hemm provi sufficjenti u 'l hinn minn kull dubju raġonevoli, illi jippruvaw li l-akkużat kien attwalment involut fil-pjan kriminali kollu."

Illi din il-Qorti ma taqbilx mar-raġunament tal-appellant Avukat Ġenerali u dana minħabba li minkejja li huwa veru li l-Ewwel Qorti qalet li għandha konvinċiment morali, huwa wkoll veru li

spjegat li minn analiżi oġġettiva tal-provi jista' jibqa' dubju u għalhekk fil-fehma tagħha l-livell ta' prova neċessarju fil-kamp kriminali ma itlaħaqx. Fl-aħħar mill-aħħar fil-kamp kriminali l-ħtija trid tirriżulta mingħajr ma tħalli dubju raġonevoli. Tabilħaqq jidher li l-Ewwel Qorti kien għad kellha dubju raġonevoli u għalhekk illiberat lill-appellat. Tenut kont ta' dan, din il-Qorti ma tarax li s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti hija kontradittorja u għalhekk anke l-aggravju in eżami qed jiġi miċħud ukoll.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-<u>tielet aggravju</u> l-appellant Avukat Ġenerali jilmenta li fl-istqarrija mogħtija mill-appellat huwa ma wieġeb kważi għall-ebda domanda u għalhekk din ma għandiex tagħmel differenza għal dak li jirrigwarda s-saħħa tal-provi miġjuba mill-Prosekuzzjoni. Dwar dan il-punt huwa korrett l-appellant li jgħid li minħabba l-fatt li fl-istqarrija l-appellat ma wieġeb għal kważi xejn u jekk din tiġi skartata ma għandux jagħmel differenza għas-saħħa tal-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni. Minkejja dan għandu jingħad li l-Ewwel Qorti għamlet tajjeb li skartat tali stqarrija. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-27 ta' Jannar 2021 fl-ismijiet **Morgan Onuorah vs. L-Avukat tal-Istat** (Numru 176/2019) fejn il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk:

> "28. Irrispettivament taqbilx mar-raġunament ta' dik il-Qorti internazzjonali, jibqa' l-fatt li l-ġurisprudenza kienet ċara meta ngħatat is-sentenza ta' Salduz f'Novembru 2008 fis-sens li n-nuqqas ta' assistenza ta' avukat waqt interrogazzjoni tal-pulizija kienet difett proċedurali. Dan għalkemm bis-sentenza <u>Ibrahim and Others v. the United Kingdom</u> tat-13 ta' Settembru 2016, il-Grand Chamber għamlet enfażi fuq l-'*overall fairness*' tal-proċeduri kriminali u fis-sentenza <u>Beuze v. Belgium</u> tad-9 ta' Novembru 2018 l-istess qorti kompliet tiċċara kif kellu jiġi applikat dak il-prinċipju.

> 29. Fl-aħħar mill-aħħar il-qrati domestiċi ma jistgħux jippermettu li f'proċeduri kriminali li għadhom pendenti jitħallew stqarrijiet li jkunu saru fl-assenza ta' avukat u li l-QEDB ilha tiddeskrivih bħala difett proċedurali bil-periklu manifest li dak il-fatt jikkontamina l-proċess kriminali kollu. Illum il-ġurnata hi l-istess Qorti Kriminali li qegħda taddotta din il-pożizzjoni f'deċiżjonijiet preliminari li qegħdin jingħataw (hekk per eżempju **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rosario Sultana** deċiżjoni tat-23 ta' Settembru 2020 u **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rosario Militello** tat-3 ta' Diċembru 2019).
>
> 30. Kien id-dmir tal-Gvernijiet differenti matul is-snin li jaġġornaw ruħhom mas-sentenzi tal-Qorti Ewropea u ma jistennewx sal-2016 sabiex jintroduċu dispożizzjoni fil-Kodiċi Kriminali li s-suspettat għandu jedd għall-assistenza ta' avukat waqt l-interrogazzjoni li ssir meta jkun fil-kustodja tal-pulizija. Emenda li saret sabiex tittrasponi d-dispożizzjoni tad-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew (ara Art. 355AT tal-Kodiċi Kriminali), li fost miżuri oħra assigurat id-dritt tas-suspettat għall-assistenza ta' avukat waqt l-interrogazzjoni mill-Pulizija."

Illi meħud in konsiderazzjoni dak li għadu kemm ingħad, it-tielet aggravju qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-raba' aggravju l-appellant jilmenta li fil-fehma tiegħu l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tar-reat ta' assoċjazzjoni taħt il-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta. F'dan ir-rigward l-appellant jilmenta li dak li hemm bżonn huwa li wieħed ikun konxju tal-parteċipazzjoni fir-reat. Anke l-finanzjament jew organizzazzjoni hija biżżejjed.

Illi l-appellant jargumenta li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta ma sabitx in-ness bejn ir-reat ta' importazzjoni ta' droga u l-

appellat. Skont l-appellant dan in-ness jirriżulta jekk wieħed jara l-atti proċesswali, b'mod partikolari l-interċettazzjonijiet. L-appellant jispjega li għalkemm il-kelma "droga" jew "kokajina" ma tissemmiex jissemmew affarijiet oħra bħal flus li kellhom jiffinanzjaw dan il-forniment ta' droga. Ikompli li huwa diġa' suspettuż li l-appellat kien f'kuntatt ma' nies li kienu nvoluti fl-importazzjoni in kwistjoni. Jgħaddi sabiex jagħti analiżi ta' ċerti traskrizzjonijiet u jargumenta li minn dawn jirriżulta li l-appellat kien involut fir-reat.

Illi għal dawk li huma fatti, din il-Qorti tinnota li huwa ben magħruf li hija ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm din tkun waslet għall-konklużjoni tagħha legalment u raġonevolment. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-17 ta' Ġunju 2019 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Apap** (Numru 58/2018) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "In primis, jingħad li hu prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma tbiddilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi magħmula mill-Ewwel Qorti, iżda tagħmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-Ewwel Qorti kinitx raġonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, allura dik tkun raġuni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konklużjoni."

Illi dwar ir-reat ta' assoċjazzjoni Artikolu 22(1)(f) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta jistabbilixxi s-segwenti:

> "(1) Kull min –

> [...]
>
> (f) jassoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni oħra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibigħ jew jittraffika mediċina f'Malta kontra d-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, jew li jippromovi, jikkostitwixxi, jorganizza jew jiffinanzja l-assoċjazzjoni,
>
> ikun ħati ta' reat kontra din l-Ordinanza."

Illi dak li trid tara din il-Qorti huwa jekk mill-atti proċesswali jirriżultax li l-appellat kienx f'assoċjazzjoni *ai termini* ta' Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-5 ta' Jannar 2004 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Simon Xuereb** (Numru 15/2003) fejn il-Qorti Kriminali qalet hekk:

> "Issa skond il-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna l-elementi kostituttivi tar-reat ta' assoċjazzjoni kontemplat fil-Kap. 101 dejjem ġew ritenuti li huma erbgħa u senjatament: 1. iż-żmien li fih ikun sar ir-reat; 2. li jkun hemm mill-inqas persuna oħra, kienet minn kienet f'Malta jew barra minn Malta, li tkun involuta, 3. sabiex tiġi traffikata d-droga; u 4. li jkun hemm il-ftehim dwar il-mod kif din id-droga ser tiġi traffikata. It-traffikar għandu definizzjoni wiesgħa u din tinkludi mhux tfisser kwalsiasi moviment ta' droga minn id għal id kemm versu korrispettiv kif ukoll b'mod gratuwitu. U ma hemmx għalfejn elementi oħra bħal per eżempju prova li id-droga tkun effettivament għaddiet minn id għal id jew li ġiet importata, għax anki sempliċi offerta hija biżżejjed."

Illi din il-Qorti eżaminat ukoll dak li ngħad fis-sentenza mogħtija fis-6 ta' Marzu 2003 fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Steven John Caddick et** (Numru 15/2001) fejn il-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) qalet hekk:

> *"[...] although it is true that for the crime of conspiracy to subsist it does not have to be proved that the agreement was put into practice, the converse is not true, that is that evidence of dealing does not necessarily point to a conspiracy.*
>
> *Under our law the substantive crime of conspiracy to deal in a dangerous drug exists and is completed "from the moment in which any mode of action whatsoever is planned or agreed upon between" two or more persons (Section 22(1A) Chapter 101). Mere intention is not enough. It is necessary that the persons taking part in the conspiracy should have devised and agreed upon the means, whatever they are, for acting, and it is not required that they or any of them should have gone on to commit any further acts towards carrying out the common design. If instead of the mere agreement to deal and agreement as to the mode of action there is a commencement of the execution of the crime intended, or such crime has been accomplished, the person or persons concerned may be charged both with conspiracy and the attempted or consummated offence of dealing, with the conspirators becoming (for the purpose of the attempted or consummated offence) co-principals or accomplices. Even so, however, evidence of dealing is not necessarily going to show that there was (previously) a conspiracy, and this for a very simple reason, namely that two or more persons may contemporaneously decide to deal in drugs without there being between them any previous agreement."*

Illi dwar Artikolu 22(1)(f) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta din il-Qorti tagħmel riferenza wkoll għas-sentenza mogħtija fit-28 ta' Frar 2018 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Publius Micallef et** (Numru 363/2017) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi allura għalkemm huwa minnu, kif jisħaq l-Avukat Ġenerali, illi sabiex jissussisti r-reat maħsub fl-ewwel imputazzjoni miġjuba fil-konfront ta' l-appellati hemm il-ħtieġa biss li jiġi ppruvat il-pjan maħsub bejn tnejn minn nies jew iktar sabiex tinbiegħ jew tiġi traffikata d-

> <u>droga, mingħajr il-prova tanġibbli tad-droga jew tal-persuni li kellhom jissupplixxu din id-droga, madanakollu prova li kienet għaddejja din il-konġura trid tissussisti mill-atti</u>. Kif ingħad skartata il-prova ta' l-istqarrijiet tal-appellati, skartata l-prova magħmula bl-istqarrijiet ġuramentata taż-żewġ xhieda Jason Briffa u Joseph Grech u skartati l-interċettazzjonijiet telefoniċi, li *del resto* imkien ma isemmu il-kelma 'droga' jew x'tip ta' droga kienet ser tiġi ittraffikata u f'liema kwantita, għar-raġunijiet hawn fuq miġjuba, ma jifdal l-ebda prova fl-atti lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni li tipponta subajgħha fid-direzzjoni ta' xi assoċjazzjoni bejn il-persuni ta' l-appellati għal fini li tiġi ttraffikata d-droga." [emfażi miżjuda]

Illi din il-Qorti tinnota li, kif dikjarat mill-Prosekuzzjoni stess, mit-traskrizzjonjiet tal-interċettazzjonijiet il-kelma "droga" jew kliem li jistgħu jiġu assoċjati magħha ma jirriżultawx. Li jirriżulta huma konverżazzjonijiet mal-persuna li allegatament kellha tforni d-droga ċertu Kleiner. Iżda wara li qrat it-traskrizzjonijiet, din il-Qorti hija tal-fehma li minnhom ma jirriżultax wisq.

Illi hemm ukoll it-telefonati ma' Raymond Borg. Minn tnejn minn dawn it-telefonati jirriżulta li l-appellat u Borg riedu jiltaqgħu. Waqt li t-tielet telefonata tirrigwarda terza persuna mhux identifikata. Jirriżultaw ukoll telefonati ma' Charles Steven Muscat u fil-fehma ta' din il-Qorti minn dawn it-telefonati ma jirriżulta xejn partikolari. Hemm telefonata minn Mario Camilleri fejn hemm diskussjoni ġenerika fuq xi ħaġa negattiva li ġrat u fuq logħob ta' flus fuq it-Tazza tad-Dinja li kienet qed issir dak iż-żmien. Hemm ukoll diskors fuq xi ħlas ta' flus u diskors ieħor fuq ħu l-appellat. Dwar il-ħlas tal-flus jidher li dawn għaddew għand ċertu Trudy. Minbarra dan, minn dawn it-telefonati, ma tirriżultax il-konnessjoni mar-reat ta' assoċjazzjoni għal importazzjoni tad-droga.

Illi esklużi dawn it-telefonati li jifdal huma t-telefonati bejn dak li fit-traskrizzjonijiet huwa identifikat bħala l-appellat u dak li huwa

immarkat fit-traskrizzjonijiet bħala ħuh. Minn dawn it-telefonati hemm numru ta' indikazzjonijiet dwar flus iżda l-aktar telefonata li ħasbet din il-Qorti kienet it-telefonata li saret fid-9 ta' April 2002 (Vol I: *a fol.* 148AL *tergo.*) fejn Leli Camilleri meta kien qed jitkellem mal-appellat jgħid hekk:

> "Leli: u kienu qegħdin fejn il-magna
>
> Ġanni: eh
>
> Leli: U daħħal idu wieħed, ħaraq idu."

Dan jorbot ma' dak li jgħid l-iSpettur Neil Harrison fix-xiehda mogħtija minnu fit-13 ta' Novembru 2002 (Vol I: *a fol.* 117). Minn dan jirriżulta li kien hemm komunikazzjoni dwar dan l-avveniment iżda ma jirriżultax qbil bejn l-appellat u ħuh sabiex tiġi ttraffikata d-droga. Mill-bqija tat-traskrizzjonijiet l-oħra ma jirriżultawx provi inekwivokabbli sabiex din il-Qorti tkun tista' issib lill-appellat ħati tar-reat in kwistjoni. Tenut kont ta' dan kollu, din il-Qorti hija tal-fehma li l-Prosekuzzjoni naqset milli tilħaq il-livell ta' prova neċessarja sabiex tipprova r-reat ta' assoċjazzjoni *ai termini* tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta li bih ġie mixli l-appellat.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-27 ta' Ottubru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Roderick Gerada** (Numru 237/2020) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet is-segwenti:

> "49. Biex dawn l-indizji, jew ċirkostanzi jassumu rilevanza penali, huma jridu jsegwu ċerti regoli speċifiċi. Allura jistgħu jinqraw flimkien ma' provi diretti u ċerti. Xi drabi jistgħu jkunu importanti daqs provi diretti. Iżda fl-assenza ta' provi diretti, ċari u ċerti, il-provi indizjarji ossija ċirkostanzjali jistgħu ukoll iwasslu għal sejbien ta'

ħtija. Biex dan ikun jista' jseħħ, l-indizji jrid ikollhom dawn il-karatteristiċi, iġifieri jridu jkunu:

(a) (Normalment, u għalhekk mhux dejjem, u dipendenti skont in-natura tal-indizju partikolari), iżjed minn indizju wieħed (indizji plurimi),

(b) tali li jipperswadu b'mod konvinċenti u ma jkunux faċilment skreditabbli (indizji gravi),

(ċ) ma jagħtux lok għal interpretazzjonijiet differenti (indizji preċiżi jew univoċi), u

(d) jaqblu ma' xulxin b'mod li jikkonverġu fl-istess direzzjoni (indizji konkordanti)."

Illi l-Qorti tagħmel tagħha dak li ngħad fis-sentenza mogħtija fil-15 ta' Jannar 2016 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Formosa et** (Numru 179/2015) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

"13. Mill-premess, għalhekk, ma tirriżultax dik il-katina ta' ċirkostanzi univoċi li jista' jingħad li iżolatament jew komplessivament jorbtu lil xi ħadd mill-imputati inevitabilment u inekwivokabilment max-xena tad-delitt jew xort'oħra mal-kummissjoni tiegħu. Il-fatt li r-relazzonijiet bejn Booth u l-imputati setgħu ma kienux tajbin u li Booth kienet oġġezzjonat mal-awtoritajiet li jiġi sanzjonat xi bini fil-proprjeta' tal-imputat ma joħolqux dik il-konkatenazzjoni meħtieġa sabiex inekwivokabilment jorbtu lill-imputati mal-kommissjoni tar-reat u ma humiex suffiċjenti sabiex jikkolmaw il-vojt fil-provi tal-prosekuzzjoni sabiex jiġġeneraw il-grad tal-prova oltre d-dubbju raġonevoli. In kwantu għall-evażivita' tal-imputat meta mistoqsi dwar il-proċeduri quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar u aspetti oħra tax-xiehda dawn jistgħu iwasslu sabiex l-imputat ma jingħatax affidament f'dawk l-aspetti tad-depożizzjoni

tiegħu, u sabiex dawn jiġu skartati, iżda l-vojt fil-provi li jinħoloq b'dan il-mod ma jistax jagħmel tajjeb għan-nuqqas ta' provi da parti tal-prosekuzzjoni tal-ħtija tal-imputati fil-grad għoli rikjest mil-liġi.

14. Din il-Qorti ħasbet fit-tul dwar iċ-ċirkostanzi kollha ta' dan il-każ kif jemerġu mill-provi inklużi dawk li fuqhom straħet l-Ewwel Qorti u din il-Qorti waslet għall-konklużjoni li fuq dawk iċ-ċirkostanzi l-Ewwel Qorti ma setgħetx raġjonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha u ċioè li l-imputati appellanti huma ħatja mingħajr dubbju dettat mir-raġuni tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħhom. L-aktar 'il bogħod li wieħed jista' jasal fuq l-iskorta tal-provi prodotti huwa li dawn jiġġeneraw suspett raġonevoli li l-imputati ikkommettew l-għemil imputat lilhom mill-prosekuzzjoni, iżda prova sa dan il-grad ma hix biżżejjed sabiex jintlaħaq il-grad għoli ta' prova meħtieġ għas-sejbien ta' ħtija fil-qasam tad-dritt penali."

Illi dak li ngħad fiż-żewġ sentenzi hawn fuq ikkwotati japplika għal każ odjern u meħud in konsiderazzjoni dak li ngħad fihom u dak li ngħad aktar 'il fuq, il-Qorti tikkonkludi li l-Ewwel Qorti kienet korretta meta ma sabitx ħtija fl-appellat fir-rigward ta' dak li huwa kien akkużat bih quddiem l-Ewwel Qorti.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Avukat Ġenerali u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**